MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 309/2014

**A B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tnejn (28.04.2002) **ara Dok FC 1;**
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante :

i. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa minn Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009), filwaqt li ilhom legalment separati sa mill-erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (14.01.2010) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Vanessa Pool (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok FC2);

ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

iii. Illi l-partijiet skont l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni kienu irrinunzjaw ghad-dritt li jezigu manteniment minghand xulxin u ghalhekk m'hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment;

4. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bhala Dok FC 3;
5. Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta;

Talbet in vista tas-suespost li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta :

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg li gie celebrat mill-partijiet fit-tmienja u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tnejn (28.04.2002);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Awissu, 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Marzu ta’ l-2009 u legalment separati mill-14 ta’ Jannar, 2010;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------